Ref: 5/65/194/11

KUNSILL LOKALI PAOLA
Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knsija,
Paola PLA1075 - Malta
Tel: 21664066 Fax: 216635666

**Minuti tal-Laqgha Nru. 65**

Il-Kunsill iltaqa' fl-ufficini amministrattivi, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tlieta 27 ta' Settembru 2011. Il-laqgha bdiet fis-6.00pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Dominic Grima, , il-Kunsillier Seychell, il-Kunsillier Dalli w il-Kunsillier Lynch.

Il-Vici-Sindku Alfred Borg, il-Kunsillier Borg Myatt u l-Kunsillier Ferris kienu skuzati. Il-membri tal-kunsill accettaw li dawn il-Kunsilliera msemmija kienu skuzati fuq ragunijiet personali.

Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg u l-iskrivana Alison Panzavecchia.

Is-Sindku Dominic Grima ppresjeda din il-laqgha.

1) **Minuti**

**Minuti tal-Laqgha Nru. 64**

1.1 – Dawn il-minuti gew approvati mill-membri tal-Kunsill nem.com.

**Materji Konnessi**

**Item 11** – Il-Kunsill qabel li l-budget biex jinxtraw it-tokens ma jeccedix il-500 euro.

2) **Korrispondenza**

2.1 – Ittra minn Trasport Malta – Il-Perit Testaferrata baghtet ittra biex tinforma lill-Kunsill biex fi Triq il-Qalb ta' Gesu issir un/loading bay ghas-servizzi tal-hwienet li hemm f'din l-istess triq u l-hinijiet tal-uzu tal-un/loading huma 4 sighat filghodu u 4 sighat wara nofsinhar. Il-Perit infurmat ukoll li fl-ebda hin ma tista' tigi maghluqa din it-triq u biex tigi rrangata wkoll is-sleeping policeman li hemm fl-istess triq.

2.2 – Ittra minn *My Destination Malta Virtual Tours* – Ms Melanie Drury baghtet ittra lill-Kunsill dwar *My Destination Malta Virtual Tours*. Is-Sindku qal li ser jiltaqa' maghhom biex jiccekkja dwar aktar dettalji.

3) ***Tenders***

***Adjudication Tender No 04/11 – Supply of Solar Powered Closed Circuit Cameras for contravention surveillance***

3.1 – Is-Segretarju qal li ghal din it-tender kien hemm 2 offerti dik ta' Dedicated Micros Ltd u dik ta' Alberta. Hu kompla jghid li l-kumitat tat-tenders iddecieda li l-offerta ta' Alberta hija l-

aktar wahda vantagguza. Wara diskussjoni sar qbil li l-Kunsill jibghat ittra lir-Regjun Xlokk dwar l-ispejjes tal-camera.

***Adjudication Tender No 05/11 – Supply and delivery of Road Marking Paint***

3.2 - Is-Segretarju qal li ghal din it-tender kien hemm 2 offerti dik ta' B Grima & Sons u dik ta' Mac Med. Hu kompla jghid li l-kumitat tat-tenders irrakkomanda li tintghazel l-offerta ta' B Grima & Sons wara li l-Kunsill talab ghas-samples taz-zebgha u din iz-zebgha fl-apparenza baqghet l-ahjar. Il-Membri tal-Kunsill approvaw.

***Adjudication Tender No 06/11 – Supply and Installation for Photovoltaic panels on the Local Council Administrative. Office roof top***

3.3 - Is-Segretarju qal li ghal din it-tender kien hemm 6 offerti, dawk ta' Solar Engineering, Bajada, Titan, Alberta, EMV u Panta. Hu zied jghid li l-kumitat tat-tenders irrakkomanda li tintghazel l-offerta ta' EMV minhabba li din hija l aktar wahda vantagjuza u l-Kunsill talab biex tinxtara ukoll web box ghas somma ta €700. Il-membri tal-Kunsill approvaw.

Is-Sindku ssuggerixxa li tinhareg tender dwar it-tapiti tal-bandli kollha li ghandna fil-lokalita'. Il-membri tal-Kunsill qabblu ma' dan.

**4) Pagamenti**

4 1 - Is-Segretarju ressaq il-lista tal-pagamenti ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Membri tal-Kunsill approvaw.

Il-Kunsillier Lynch tkellem dwar l-attivitajiet tal-Milied. Wara diskussjoni, gie deciz li jekk hu possibli l-party tal-Milied tat-tfal isir nhar is-Sibt 17 ta' Dicembru 2011 that it-tinda fi Pjazza Antoine De Paule, Paola. Is-Segretarju ghandu jiccekkja dwar dan.

**5) Aggornament**

5.1 -_Il-Laqgha giet maghluqa fis-7.15pm u aggornata ghal nhar it-Tlieta 25 ta' Ottubru 2011 fis-6.00pm.

Approvati llum 25/10/11

| | |
|---|---|
| Kevin Borg | Dominic Grima |
| Segretarju | Sindku |